

— Ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li huwa espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, inkwantu l-Qorti Ġenerali kklassifikat b'mod żbaljat il-proċedura ta' notifika magħżula mill-Kummissjoni għad-deċiżjoni kkontestata u ma stabbilixxiet l-ebda rekwiżit rigward il-formalitajiet li għandhom jiġu osservati għall-validità tan-notifika tagħha, b'konferma tal-irċevuta tagħha, taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE <sup>(1)</sup>.

— Ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li huwa espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, peress li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li meta tinvoka l-preżentata tardiva tar-rikors, il-Kummissjoni ma kinitx marbuta tressaq provi tal-irċevuta tal-posta minn persuna identifikabbli u li din hija persuna awtorizzata sabieq taċċetta n-notifiki.

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Wedding (il-Ġermanja) fl-14 ta' Marzu 2013 — eco cosmetics GmbH & Co. KG vs Virginie Laetitia Barbara Dupuy**

(Kawża C-119/13)

(2013/C 164/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Wedding

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: eco cosmetics GmbH & Co. KG

Konvenuta: Virginie Laetitia Barbara Dupuy

#### Domandi preliminari

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea <sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konvenut jista' jitlob ukoll reviżjoni, mill-qorti, tal-ordni ta' ħlas Ewropea meta l-ordni ta' ħlas ma tkunx ġiet innotifikata lilu jew ma tkunx ġiet innotifikata lilu b'mod validu? Għal dan il-għan, jista' wieħed jinvoka, b'analoġija, b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) jew l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 1896/2006?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

Fil-każ li l-ordni ta' ħlas ma tkunx ġiet innotifikata lilu jew ma tkunx ġiet innotifikata lilu b'mod validu, il-konvenut

għandu josserva l-limiti ta' żmien għall-applikazzjoni tiegħu għal reviżjoni? Għal dan il-għan, jista' wieħed jinvoka b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(3) tar-Regolament Nru 1896/2006?

(3) Ukoll fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

X'konsegwenzi ġuridiċi proċedurali jkun hemm fil-każ ta' suċċess tal-applikazzjoni għal reviżjoni; f'dan il-kuntest, jista' wieħed jinvoka, b'analoġija, b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) jew l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1896/2006?

<sup>(1)</sup> ĠU L 399, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Wedding (il-Ġermanja) fl-14 ta' Marzu 2013 — Raiffeisenbank St. Georgen reg. Ġen. m.b.H. vs Tetyana Bonchyk**

(Kawża C-120/13)

(2013/C 164/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Wedding

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Raiffeisenbank St. Georgen reg. Ġen. m.b.H.

Konvenuta: Tetyana Bonchyk

#### Domandi preliminari

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea <sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konvenut jista' jitlob ukoll reviżjoni, mill-qorti, tal-ordni ta' ħlas Ewropea meta l-ordni ta' ħlas ma tkunx ġiet innotifikata lilu jew ma tkunx ġiet innotifikata lilu b'mod validu? Għal dan il-għan, jista' wieħed jinvoka, b'analoġija, b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) jew l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 1896/2006?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

X'konsegwenzi ġuridiċi proċedurali jkun hemm fil-każ ta' suċċess tal-applikazzjoni għal reviżjoni; f'dan il-kuntest, jista' wieħed jinvoka, b'analoġija, b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) jew l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1896/2006?

<sup>(1)</sup> ĠU L 399, p. 1.